A.L. 154 ta' l-1991

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Esportazzjoni (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu tis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Esportazzjoni (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Kontroll ta' l-Esportazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 668 ta' l-1948.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-ġurnata li tiġi wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem minn "Tessuti, dawn li ġejjin" sa "Qomos, tal-irġiel u tas-subien, minsuġin" għandu jidħol dan li ġej:—

"Tessuti, dawn li ġejjin kif applikabbli biss għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropeja:

Breeches, shorts, qliezet, *slacks*, minsuġin".